*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,565, 2 ta' Frar, 2021*
*Taqsima C*

**Nru. 189**

2. 2. 2021

# MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Chris Fearne, M.P., Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-12 ta' Jannar 2021.

**ATT li jemenda l-Att dwar il-*Condominia*, Kap. 398.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Chris Fearne, M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Health, on behalf of the Minister for Home Affairs, National Security and Law Enforcement, and read the First time at the Sitting of the 12th January 2021.

**AN ACT to amend the Condominium Act, Cap. 398.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT li jemenda l-Att dwar il-Condominia, Kap. 398.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi danli ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-*Condominia*. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I
Emendi għall-Att dwar il-*Condominia*

**2.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-*Condominia* u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-*Condominia*, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi tal-Att dwar il-*Condominia*. Kap. 398.

**3.** L-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Kull persuna tista':

(a) tispezzjona d-dokumenti miżmuma mir-Reġistratur tal-Artijiet;

(b) teħtieġ kopja jew estratt ta' kwalunkwe dokument imwassal lir-Reġistratur tal-Artijiet; u

(ċ) titlob Ċertifikat iffirmat mir-Reġistratur tal-Artijiet jew mill-Assistent Reġistratur tal-Artijiet f'isem ir-Reġistratur tal-Artijiet li juri d-dettalji dwar

il-*condominium* u l-amministratur u r-regoli tal-*condominium*."; u

(b) fis-subartikolu (6) tiegħu, il-kliem "Gazzetta tal-Gvern" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Gazzetta jew websajt tal-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet".

TAQSIMA II
Emendi Konsegwenzjali

Emendi tar-Regoli dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet. L.S. 296. 01.

**4.** Din it-Taqsima temenda r-Regoli dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mar-Regoli dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "r-regoli prinċipali".

Emenda tar-regola 16 tar-regoli prinċipali.

**5.** Fis-subregola (1) tar-regola 16 tar-regoli prinċipali, il-kelma "Gazzetta" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Gazzetta jew websajt tal-Aġenzija tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jiġu introdotti emendi għall-Att dwar il-*Condominia* bil-ħsieb li kwalunkwe regoli li jikkonċernaw *condominium* jew emendi dwaru jiġu ppubblikati fil-websajt tal-Aġenzija tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet minbarra l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Condominium Act, Cap. 398.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Condominium (Amendment) Act, 2021. Short title.

PART I
Amendments to the Condominium Act

**2.** This Part amends the Condominium Act and it shall be read and construed as one with the Condominium Act, hereinafter in this Part referred to as "the principal Act". Amendments to the Condominium Act. Cap. 398.

**3.** Article 24 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of article 24 of the principal Act.

(a) sub-article (5) thereof shall be substituted by the following new sub-article:

"(5) Any person may:

(a) inspect the documents kept by the Land Registrar;

(b) require a copy or extract of any document delivered to the Land Registrar; and

(c) request a Certificate signed by the Land Registrar or Assistant Land Registrar on behalf of the Land Registrar showing the details regarding the condominium and the administrator and rules of the condominium."; and

(b) in sub-article (6) thereof, the words "Government

Gazette" shall be substituted by the words "Gazette or Land Registration Agency website".

PART II
Consequential Amendments

Amendments to the Land Registration Rules.
S.L. 296. 01.

**4.** This Part amends the Land Registration Rules and it shall be read and construed as one with the Land Registration Rules, hereinafter in this Part referred to as "the principal rules".

Amendment of rule 16 of the principal rules.

**5.** In sub-rule (1)of rule 16 of the principal rules, the word "Gazette" shall be substituted by the words "Gazette or Land Registration Agency website".

## Objects and Reasons

The objects and reasons of this Bill are to introduce amendments to Condominium Act with a view of publishing any rules concerning a condominium or amendments made thereto in the Land Registration Agency website in addition to publication in the Gazette.

VERŻJONI ELETTRONIKA

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta** — ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC** — ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**